# 'Għodod tal-Biedja' u 'Lukarda u l-Għadd tan-Nies ta' l-1931' ta' Temi Zammit

***Tarcisio Zarb***

ISEM Temi Zammit huwa sinonimu man-novella u l-iskeċċ Malti. Huwa kien il-kittieb li ta l-karatteristika bażika lill-iskeċċ u lin-novella Maltija – influenza li għadha tinħass sa fi żmienna f'ħafna xogħlijiet letterarji Maltin. Il-kitbiet tiegħu jitkellmu dwar il-bniedem komuni, ħafna drabi raħli jew inkella li jgħix fil-bassifondi tas-soċjetà. Bħala professjonista u akkademiku Sir Temi kellu l-karatteristiċi bażiċi ewlenin li servewh biex janalizza u jissintetizza d-dinja ta' madwaru b'naturalezza ħelwa u 'psikoloġika'.

Temi Zammit kien bniedem li kellu interessi varji fis-soċjetà ta' madwaru. Il-kitbiet tiegħu jitkellmu dwar storja ta' Malta, arkeoloġija Maltija u mediċina. Ismu kiseb statura internazzjonali minħabba l-kixfiet li għamel dwar il-marda tad-deni rqiq u t-tuberkulożi.

F''Għodod tal-Biedja' nassistu għal 'intervista' ta' l-awtur ma' bidwi analfabeta li min-naħa tiegħu wkoll kellu xi tagħrif x'jagħti dwar il-mestier tiegħu. Għalhekk l-intervista tittratta dwar terminoloġija ta' għodod tal-biedja. Dana kollu l-awtur jagħtihulna bi stil 'purament' Malti, b'dik l-idjosinkrasija li tikkaratterizza t-taħdit Malti tal-'klassi' tal-bdiewa lura fis-snin tal-bidu tas-seklu li qegħdin fih. Irridu nżommu f'moħħna li Temi Zammit għex bejn l-1864 u l-1935. B'dan il-mod din il-kitba ssir dokument ieħor soċjali, folkloristiku u lingwistiku ta' żmienu. Din il-kitba għalhekk tiftħilna tieqa fuq dawk iż-żminijiet ta' illitteriżmu fil-ħajja Maltija. Fil-fatt, ħarsa mill-qrib lejn il-biċċa l-kbira ta' dawn il-kitbiet ta' Zammit ma turiniex ħaġ'oħra ħlief dinja ta' illitteriżmu. Kien żmien meta l-'iskola' kienet il-prerogattiva tal-ftit. U hawnhekk jidher li jinsab il-qofol tal-kitba ta' Zammit. Hekk ngħidu aħna f''Għodod tal-Biedja', Zammit huwa konxju tal-fatt li l-bidwi li miegħu kien qiegħed jitkellem kien 'illitterat'. L-istess kienet Lukarda, fil-kitba 'Lukarda u l-Għadd tan-Nies'. Jinħass li l-massa tal-poplu kienet tgħix aljenata fis-sotto kultura tagħha, filwaqt li ftit li xejn kienet midħla tas-sistema burokratika ta' żmienha. Għalhekk is-soċjetà kellha qasma dimarkattiva ċara bejn il-bniedem ta' skola u l-bniedem li ma kienx ta' skola.

Kull ktieb ta' l-istorja ta' Malta jitkellem dwar l-illitteriżmu tal-Maltin fil-bidu tas-seklu li qegħdin fih. Il-gvernijiet kolonjali qatt ma kellhom għal qalbhom l-edukazzjoni tal-mases. Dan minħabba l-fatt li l-edukazzjoni kienet tfisser imħuh aktar miftuħa, u għalhekk l-iggranfar tal-poter tagħhom aktarx ikun fil-periklu.

Sir Temi Zammit bħala bniedem kolt għall-aħħar, li madanakollu ma kienx igħix f'xi torri ta' l-avorju, iżda li kellu saqajh fl-art qalb il-mogħoż u d-deni rqiq, kellu sensittività qawwija għal dan l-istat. Minkejja dan kollu, f'Zammit ma jidhirx il-kittieb li fil-kitba tiegħu ried imur aktar lil hinn mis-sempliċi fatt ta' kollettur jew pittur tal-karattri 'ħelwin' Maltin. Fid-deskrizzjonijiet u l-qagħdiet li l-karattri ta' Zammit isibu ruħhom fihom aħna ma nitħassruhomx. Anqas ma nħossu demmna jxehibna għax naraw li dawn il-karattri qegħdin jiġu sfruttati mis-sistema, li ma tgħallimhomx u ma tagħtihomx id-drittijiet li llum il-ġurnata nsibuhom imniżżla fil-kostituzzjoni. Fil-laqtiet li jagħtina Zammit ma jinħassx il-politikant li jrid jara lill-klassi tal-ħaddiema teħles mill-injuranza tagħha.

Aħna nassistu għal xi inċident, ġrajja jew sitwazzjoni fejn il-karattri jieħdu sehem f'azzjoni, jew isibu ruħhom f'xi qagħda fejn ninnutaw il-fraġilità tagħhom, jew aħjar, dawk il-karatteristiċi kollha li joħorġu meta bniedem isib ruħu f'qagħda li hija għal kollox kuntrarja għal dik li huwa mdorri għaliha. Dawn l-iskeċċijiet għalhekk joħorġu l-karatteristiċi tal-bniedem prodott ta' kultura Maltija, li meta jiffaċċja s-sistema burokratika jħossu barra minn postu. Għalhekk ħafna drabi joħroġ il-kumpless ta' l-inferjorità, l-*apologia pro ignorantia sua*, l-inċertezza f'sitwazzjoni għal kollox ġdida, l-infiħ ta' l-*ego* meta l-intervistat isir il-protagonista u jidher bħala l-bniedem li huwa superjuri għal ħaddieħor f'dak li huwa tagħrif.

Għalkemm Temi Zammit dan kollu, ma jippronunzjahx direttament f'kitbietu, jidher li ntuwixxieh u ntuwixxieh tajjeb ħafna, għaliex il-karattri li jpinġilna, ipinġihomlna veristikament. U f'sitwazzjonijiet imbarazzanti ta' dan it-tip ħafna drabi r-riżultat ikun tad-daħk. Mhux id-daħk ta' min irid iċekken lil dak li jkun, imma d-daħk ta' min irid jiggosta lill-bniedem li fil-*milieu* li miegħu huwa familjari joħroġ *'ta' raġel li hu'* jew *'ta' mara li hi'*, imma maħruġ jew maħruġa 'l barra minn dak il-*milieu* jinħass bħal *'ħuta barra mill-ilma'*. Dan kollu jwassal għad-daħka u t-tbissima – daħk u tbissim – madanakollu li ma juriniex ħlief in-naħa ta' fuq tal-problema – problema li tkun qiegħda ssib fejn tinħeba minħabba l-mekkaniżmu tad-difiża, li fil-każ tagħna huwa d-daħk, jew l-inkomprensibbli jew id-devjazzjoni mill-fil veru u proprju tad-diskors, jew il-biża' li wieħed jinkixef u jidher kif inhu tassew.

U b'dan l-istil ta' daħka u oħra naraw l-*ego* tal-protagonista tagħna jikber u jintefaħ billi jgħaddi biex jitkellem dwar dawk il-ħwejjeġ li huwa laħaq iffamiljarizza ruħu magħhom u saru jagħmlu parti mill-identikit tiegħu. Fil-każ ta' Ġanni, f''Għodod tal-Biedja', l-identikit huwa l-imgħażqa, il-lexxuna, il-krexxun, il-fiesa, il-fies, iz-zappun, iz-zappun taż-żrar, il-moxt, ir-rixtellu, l-egħlejjel, l-għarbiel tal-karfa jew taż-żwiel, il-luħ, il-pala, l-għarbiel taż-żrar, l-għarbiel tan-naqal, l-għarbiel tat-trab. Mistoqsi dwar dawn l-għodod Ġanni jħossu f'postu u fid-dinja familjari tiegħu, b'mod speċjali wara li jiskolpa ruħu mill-fatt li ma kienx tgħallem skola billi jgħaddi biex juża l-proverbju: *Tagħlim fil-kbir*

*qris fil-ħmir*. (Il-proverbju hawnhekk igħin lil Ġanni biex jilħaq dak il-bilanċ psikoloġiku li kellu bżonn biex imbagħad igħaddi biex 'juri kemm jaf'.) Fit-tagħrif li jagħtina Ġanni ninnutaw l-eżattezza idjomatika u perifrażika li biha jitkellem.

Waqt li Ġanni qiegħed igħaddi t-tagħrif tiegħu dwar l-għodod ningħataw ħjiel, direttament jew indirettament, dwar il-karattru ta' l-istess Ġanni, għax kif nafu – kliemna jirrifletti l-personalità tagħna. U b'dan il-mod nindunaw kemm Ġanni kien konservattiv. Dan jidher mhux biss mir-riferenzi kontinwi għall-proverbji, li saru l-qofol tat-tiswir ta' imġibtu imma direttament minn proverbji bħal *'Min jagħmel xogħlu b'idu jirqmu u jżidu'*. Dan il-proverbju wassal lil Ġanni biex jibqa' juża l-bhejjem minflok il-magni. Minkejja li xi ftit tal-verità f'dan il-proverbju ma tonqosx, min-naħa l-oħra, nafu li l-biża' mill-bidla kienet il-qofol tal-filosofija ta' ħajjet Ġanni.

M'għandniex xi ngħidu hawnhekk għandna attentat ieħor bikri biex jiġu salvati min-nisi drawwiet qodma folkloristiċi li minħabba l-mixja tal-progress kien hemm iċ-ċans li dawn jinqerdu darba għal dejjem. Fil-fatt il-lum il-ġurnata dawn l-għodod 'primittivi' saru jagħmlu parti wisq aktar mill-Mużew tal-folklor, jew minn xi ħanut 'kummerċjali' ta' l-antikità, jew xi dar jew xi lukanda jew restaurant milli mill-ħajja funzjonali tal-biedja. Hawnhekk l-awtur ried jagħmel użu minn dawn it-termini lingwistiċi qodma biex l-istess kif kien miġbud lejn l-istorja u l-arkeoloġija ta' qabel żmienu, iżomm min-nisi din in-naħa l-oħra ta' l-arkeoloġija folkloristika Maltija. Ovvjament dan kien aspett ieħor mill-viżjoni romantika li ħakmet għal żmien twil il-letteratura Maltija, viżjoni li kien hemm bżonnha u li għadha tinħass sewwa fil-letteratura tagħna.

F''Lukarda u l-Għadd tan-Nies' . . . aħna mistennija li 'niggustaw' l-'injoranza' ta' Lukarda, li la darba waħda ssib ruħha ffaċċjata minn rappreżentant tas-'sistema' ma tafx tagħmel ħaġa oħra ħlief li tipprova tasserixxi l-*ego* tagħha billi tagħti kisja umoristika lill-'injuranza' tagħha. Għalhekk Lukarda f'dak il-jum ta' l-1931 meta kien qiegħed isir iċ-ċensiment dwar l-għadd tan-nies ma kinitx ħlief ras mitlufa. Ovvjament għandna nifhmu li ftit li xejn kienet konxja li f'dik is-sena kienet saret Kummissjoni Rjali biex teżamina l-problemi kostituzzjonali ta' Malta. U inqas u inqas kienet taf li għalkemm ħafna mir-rakkomandazzjonijiet ta' din il-kummissjoni ma kinux milqugħa, madanakollu aktar tard kienu ħarġu *'letters patent'* li fuq għadd ta' snin kellhom jimmodifikaw il-kostituzzjoni ta' l-1921. Forsi kienet saret taf li f'dik is-sena l-ilsien Malta kellu jsir l-ilsien uffiċjali tal-qrati. Fi ftit kliem, ftit kienet konxja tat-tibdil li kien qiegħed isir fl-amministrazzjoni, tal-ġustizzja, tal-liġi u ta' l-ordni. Forsi Lukarda, min-naħa tagħha, indunat li f'dik is-sena Sir John du Cane kien irriżenja minn Gvernatur. Indunat jew ma ndunatx Lukarda, jibqa' l-fatt li f'dawk iż-żminijiet kien hemm ħafna problemi politiċi, tant li l-istess Sir John, minkejja li ried jiżviluppa l-ortikultura u t-turiżmu, anqas kien biss irnexxielu jibni lukanda minħabba

l-inkwiet politiku. Sir David G. M. Campbell (1931–6) min-naħa l-oħra hekk kif sab ruħu fil-poter mill-ewwel induna bil-problemi ekonomiċi u l-klima politika xejn sabiħa li kienet qiegħda tirrenja fuq il-gżira. Fil-fatt insubuh javża lil Londra li ħafna mill-kundizzjonijiet ta' l-irvellijiet ta' l-1919 kienu qegħdin jiġu replikati. Huwa kien talab lill-awtoritajiet imperjali biex ma jnaqqsux ix-xogħol fit-tarzna navali u f'facilitajiet militari oħra.

Lukarda, bħala wiċċ anonomu ieħor fil-massa kollettiva, minkejja li kienet tmekkek ġmielha 'l hawn u 'l hinn, għandna nifhmu li kienet 'moħħ' ieħor aljenat fil-mentalità sefturali tagħha, mentalità sefturali, li biha tidher li kienet 'kuntenta'. Anzi jidher u jinħass li għal Lukarda dan ix-xogħol kien xogħol li juri li hija kienet fdata min-nies:

– aħjar. U għid li naqdi l-aħjar nies u jafdawni b'għajnejhom magħluqa, għax mara tar-ruħ. Tridx insemmilek in-nies li jdaħħluni f'darhom?
– La naqdi, naħdem fejn jibagħtuni. Il-bieraħ mort il-Birgu u nżilt sal-Kalkara, il-bieraħtlura wasalt sa Ħal Qormi.

F'dan iż-żmien ukoll kien hemm sħuna u taħraq il-kwistjoni tal-lingwa. F'soċjetà bi-lingwali jew aħjar multi-lingwali, il-bniedem li ma jkunx jaf jitkellem ħlief bl-ilsien nattiv tiegħu (u anki hawnhekk fil-kodiċi ristretta tiegħu) kliem ta' lingwa li magħha jkunu assoċjati prestiġju u klassi jinstema' kbir u kbir fil-widna. Mhux ta' b'xejn għalhekk li Lukarda dak in-nhar ta' l-1931 fetħitlu kemm kienet taf bl-'Ingliż' u bit-'Taljan'. Ovvjament hija kienet konxja kemm kien fqir l-Ingliż u t-Taljan tagħha.

– Lukarda kumpramu favetta oggi? "Kumpramu". "Lukarda kjama lu skaparu". "Kjusu sinjura" . . . Bl-Ingliż?
Anqas irrid niftakar. Mal-kapural kont sejra ħarir. "Mi plenti lavju," "good najt Gak", u ftehemna dejjem.

U filwaqt li l-maġġoranza tal-Maltin kien għadhom ferħanin 'għax injuranti' fil-makkinarju politiku konna nsibu ħafna manuvrar dwar lingwa, kostituzzjonijiet, jeddijiet eċċ. Għalhekk fl-1932 kellna naraw il-kostituzzjoni mill-ġdid u l-Partit Nazzjonalista jirbaħ l-elezzjoni ta' wara b'maġġoranza kbira. In-Nazzjonalisti immedjatament bdew jaħdmu kontra l-politika tal-lingwa kif adottata bħala riżultat tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Rjali. Fil-fatt, u b'mod ġenerali nistgħu ngħidu li ġew adottati *'policies'* li l-Gvernatur kien jaħseb li kienu *'pro-Italian if not actually anti-British'*. (Brian Blouet, *The Story of Malta*, 1984, p. 187). L-idea tan-Nazzjonalisti kienet li l-partit kien sempliċiment qiegħed iżomm *'Italian culture and language which for centuries have characterized these islands.'* F'dawn iż-żminijiet għalhekk it-Taljan kien il-lingwa tan-negozju u tal-professjonijiet tal-gruppi dominanti fil-ġerarkija soċjali. *"In important respects Italian was*

*predominantly used by privileged groups and its use created subtle, but influential, distinctions in society.''* (Ibid.)

Minn dawn il-kummenti dwar żewġ xogħlijiet ta' Sir Temi Zammit nistgħu ninnutaw kemm dan il-kittieb kien kittieb li jpinġi dak li jara. B'dan il-mod Zammit ma tefax l-istejjer tiegħu fl-imgħoddi, imma mingħajr it-ton tal-polimikuż, pinġa d-dinja tal-klassi li nistgħu nqisuha bħala li qiegħda isfel nett fis-sellum soċjali. Dan, ħafna drabi għamlu billi libes il-libsa ta' l-intervistatur biex b'hekk jidħol 'il ġewwa fil-'moħħ trasparenti' tal-karattri tiegħu. Xogħol estensiv tal-kitbiet ta' Temi Zammit ikompli jurina kemm Zammit kien konxju tar-realtà soċjali ta' żmienu.

Stilistikament dawn il-kitbiet saru jagħmlu parti mill-idjoma narrativa Maltija, b'tali mod u manjiera li nistgħu ngħidu li saru parti mill-folklor narrativ Malti. L-unika differenza bejn il-folklor 'awtentiku' u dawn ir-rakkonti hija li f'ta' l-ewwel, waħda mill-karatteristiċi hija l-anonimità, filwaqt li hawnhekk l-awtur huwa magħruf. F'dawn il-kitbiet insibu minjiera ta' arkajiżmi, espressjonijiet stilizzati, fossili lingwistiċi kif ukoll l-arkivji tal-kultura u l-psikoloġija popolari.

TARCISIO ZARB, B.A.(Hons), M.A., Dip. Ar. teaches Maltese at the New Lyceum, Msida.